*Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi*

**MALTA**

*Wild Birds Regulation Unit*

# FULJETT INFORMATTIV FUQ IR-REGOLAMENT TAL-2016 DWAR IL-KONSERVAZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI (FALKUNERIJA)

## A. TAGĦRIF ĠENERALI

Dan il-fuljett huwa maħsub biss biex jagħti spjegazzjoni ħafifa dwar ir-regolamenti tal-2016 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija) u għandu iservi bħala bażi biex wieħed jipprepara ruħu għal-eżami tal-falkunerija. Barra l-eżami bil-miktub, wieħed għandu wkoll jagħmel eżami prattiku li se tkun qed tieħu ħsiebu l-għaqda tal-falkunerija rispettiva. Wieħed għandu dejjem jirreferi għar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija) (L.S. 549.106[1]), ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549. 42), kif ukoll jieħu parir min għand l-għaqda tal-falkunerija li tagħha huwa membru. Importanti li tkun familjari kemm mal-informazzjoni ġenerali li tinstab f'dan il-fuljett kif ukoll mal-informazzjoni speċifika li hemm fil-liġi konċernata (L.S. 549.106).

## B. INTRODUZZJONI

Il- Falkunerija hu l-isport tal-ikkaċċjar jew it-teħid ta' speċi kaċċabbli bil-falkun u għandu jinkludi ż-żamma, t-titjir, it-taħriġ u, jew, il-wiri tal-falkun imħarreġ. Kull falkunier liċenzjat għandu ikun parti minn organizzazzjoni tal-falkunerija li fl-istatut tagħha, għandha l-għan ewlieni li tippromwovi l-attività tal-falkunerija u t-tradizzjonijiet tagħha, u li hija iskritta mal- Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Falkuni li jifforma parti mill-ordni Falconiformes, Strigiformes jew Accipitriformes, inkluż l-ibridi imnissla minn dawn l-ispeċi jistaw jiġu użati fil-falkunerija.

Falkuni li jiġu użati biex tiġi ipprattikata il-falkunerija irid ikollhom ċurkett magħluq jew ikunu għasafar imrobbijja fil-magħluq. Għasfur imrobbi fil-magħluq tfisser għasfur li faqqas u trabba minn ġenituri miksuba skont il-liġi f'ambjent ikkontrollat mill-bniedem u li ġie mmarkat b'ċurkett magħluq li ma jkollux qsim, jew fil-każ ta' għasfur li ma jinsabx fis-selvaġġ b'mod naturali fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ikun akkumpanjat bid-dokumentazzjoni. Għasafar b'ċurkett magħluq tfisser ċirku kontinwu, mingħajr ebda qsim jew tgħaqqid, li ma kienx imbagħbas b'xi mod, ta' daqs li ma jistax jitneħħa minn għasfur li jkun faqqas u trabba minn ġenituri miksuba skont il-liġi f'ambjent ikkontrollat mill-bniedem meta siequ tkun kibret għal kollox wara li jkun ġie applikat fl-ewwel ġranet tal-ħajja tal-għasfur.

Il- Kaċċa permezz ta' falkun tistà tiġi ipprattikata biss fuq speċi kaċċabbli li tfisser l-ispeċi misjuba fl-Iskeda II tar- Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u fir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ kif ukoll fuq kampjuni tal-ispeċi msemmija li jkunu mrobbija fil-magħluq u li jistgħu jiġu meħlusa mill-falkunier għall-għan ta' taħriġ tal-falkun.

---

[1] http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=12529&l=1

## Ċ. DOKUMENTI U PERMESSI MEĦTIEĠA

Il-liċenza għaż-żamma u t-titjir ta' speċi tal-falkunerija għall-għanijiet ta' taħriġ, wiri ta' titjir jew għat-teħid ta' speċi kaċċabbli tista' tingħata mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. Il-falkunerija għandha tiġi pprattikata biss bl-użu ta' falkuni mrobbijin fil-magħluq, li jkunu koperti bil-liċenzi kollha meħtieġa u awtorizzazzjonijiet skont ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora kif ukoll regolamenti oħrajn applikabbli.

Fi kwalunkwe mument li persuna tkun qed tipprattika il-falkunerija, il-persuna għandha dejjem ikollha fil-pussess tagħha dawn id-dokumenti:

(a) dokument li juri li l-persuna hija membru ta' organizzazzjoni tal-falkunerija rikonoxxuta;
(b) dokument li jikkonferma li l-persuna hija koperta b'assigurazzjoni ta' riskji lejn terzi li tkopri l-attività tal-falkunerija;
(ċ) riċevuta li tikkonferma li l-persuna ħallset id-drittijiet applikabbli skont l-Iskeda I tal-L.S.549.106;
(d) liċenzja tal-falkunerija valida maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għal ħames snin.
(e) liċenzja speċjali (skont il-każ).

Ebda persuna li tkun qed itajjar kwalunkwe speċi tal-falkunerija ma tista' tidħol f'raba', għelieqi, artijiet jew reċint ieħor ta' terzi persuni kontra r-rieda tagħhom.

## D. KAĊĊA PERMEZZ TA' FALKUN

It-titjir ta' falkuni għall-għan esklussiv ta' taħriġ jew wiri ta' titjir, iżda mhux għall-għan ta' insegwiment u teħid ta' speċi kaċċabbli, jista' jiġi prattikat f'kull ħin u matul is-sena kollha.

Waqt l-istaġun miftuħ, jew waqt il-liċenzja speċjali għall-attività tal-falkunerija, l-ispeċi kaċċabbli misjuba fl-Iskeda II (a) tar- Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u fenek selvaġġ kif misjub fir- Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ jistgħu jittieħdu bil-mezz tal-falkunerija.

Falkunier jista juża ukoll kampjuni ta' speċi kaċċabbli mrobbija fil-magħluq li jistgħu jiġu rilaxxati mill-falkunier għall-għanijiet ta' taħriġ tal-falkun tiegħu. F'kazijiet bħal dawn, id-dati u postijiet li fijhom hi permessa il-kaċċa xorta japplikaw.

Matul kwalunkwe staġun tal-kaċċa, jew matul il-perjodu maħruġ skont il-liċenzja speċjali għall-attività tal-falkunerija, il-falkunier liċenzjat huwa legalment obbligat li jirrapporta l-ispeċi li jkun qabad permezz tas-sistema telefonika tar-rappurtar billi, qabel ma jitlaq mill-post, iċempel fuq in-numru **77070009** u jsegwi l-istruzzjonijiet. Permezz ta' din it-telefonata jiġi rrappurtat l-ispeċi maqbuda permezz tal-falkun, il-kwantità u l-post minn fejn il-qabda tkun saret.

Kull min ma jirrappurtax xi jkun qabad waqt staġun miftuħ permezz tas-sistema telefonika ikun qed jikser il-liġi. Aktar informazzjoni kif tuża is-sistema telefonika u n-numri abbonati mal-ispeċi u mal-mappa ta' Malta u Għawdex tinstab fil-ktejjeb tal-kaċċa li jinħareġ lil kull falkunier liċenzjat.

## E. ĦINIJIET U POSTIJIET PERMESSI

It-titjir ta' kwalunkwe speċi tal-falkunerija għall-għan esklussiv ta' taħriġ jew wiri ta' titjir, iżda mhux għall-għan ta' insegwiment u teħid ta' speċi kaċċabbli, jista' jiġi pprattikat f'kull ħin u matul is-sena kollha.

**Prattika ta' falkunerija għall-għan ta' insegwiment ta' speċi kaċċabbli**
Waqt l-istaġun miftuħ tal-ħarifa/xitwa għall-kaċċa bil-falkun, jistgħu jiġu ikkaċċjati biss dawk l-għasafar li jinsabu fl-Anness A ta' dan il-fuljett (l-ispeċi kollha fi Skeda IIA tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, L.S. 549.42).

**Staġun miftuħ u ħinijiet li fihom tista' tiġi prattikata kaċċa permezz ta' falkun**
Il-perjodu u ħinijiet li fihom hija permessa l-kaċċa permezz tal-falkunerija huma kif jidhru hawn taħt:

Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Jannar

- Minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara nżul ix-xemx mit-Tnejn sas-Sibt
- Minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1pm) fil-Ħdud u Festi Pubbliċi

Mill-15 ta' Settembru sas-7 ta' Ottubru

- Minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-sebgħa ta' filgħaxija (7pm) mit-Tnejn sas-Sibt
- Minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1pm) fil-Ħdud u Festi Pubbliċi

**Ħinijiet li fihom tista' tigi pratikata kaċċa għall-fenek selvaġġ permezz ta' falkun**

It-teħid tal-fenek selvaġġ permezz tal-falkunerija jista' jsir biss fil-perjodu u waqt il-ħinijet indikati hawn taħt:

Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru

- Minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara nżul ix-xemx mit-Tnejn sas-Sibt.
- Minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1pm) fil-Ħdud u Festi Pubbliċi.

Mill-15 ta' Settembru sas-7 ta' Ottubru

- Minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-sebgħa ta' filgħaxija (7pm) mit-Tnejn sas-Sibt.
- Minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1pm) fil-Ħdud u Festi Pubbliċi

**Postijiet li fihom tista' tigi ppratikata l-attività tal-falkunerija**

Iż-żoni fejn tista' tiġi ppratikata l-attività tal-falkunerija huma t-territorju tal-art tal-Ġżejjer Maltin, esklużi s-santwarji tal-għasafar misjuba fl-Iskeda V u l-bajjiet protetti misjuba fl-Iskeda VII tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, kif muri hawn taħt:

Lista ta' Santwarji tal-Għasafar

1. Iċ-Ċimiterju tal-Addolorata u l-madwar*
2. Sa 50m minn kull ċimiterju ieħor f'Malta u f'Għawdex
3. Kennedy Grove u s-Salini u l-madwar*
4. Il-Ground tal- Isports tal-Marsa*
5. San Anton u l-ġonna pubbliċi kollha
6. L-inħawi ta' *Portes-des-Bombes* li jinkludi is-Swar tal-madwar*
7. Manoel Island
8. Il-madwar tal-Għadira fil-Bajja tal-Mellieħa*
9. Sa 200m mill-Ajruport ta' Ħal Luqa u sa 50m mid-dawl li juri it-triq għar-*runways*
10. Il-Gżira ta' Kemmuna
11. Il-Gżira ta' Filfla
12. Il-Palazz tal-Verdala u l-Buskett*
13. L-Għoljiet Ta' Ċenċ*
14. Il-Kumpless ta' Ta' Qali *
15. Sa 50m mill-Istazzjoniet tar-Radju mħaddma mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili

    i. F'Bengħajsa, Birżebbuġa
    ii. Fl-Għoljiet ta' Ħad-Dingli
    iii. F'Wied Rini, ir-Rabat
    iv. Forti San Rokku, Rinella
    v. l-Istazzjon tal-VOR f'Kerċem

16. Is-Simar, San Pawl il-Baħar*
17. Il-madwar tal-Ballut ta' Marsaxlokk*
18. Il-Gżejjer ta' San Pawl
19. Il-Girgenti*
20. Wied Għollieqa*
21. Il-Qawra, Għawdex*
22. L-Għolja Ta' Għammar, Għawdex*
23. Sa 200m mill-*Heliport*, Għajnsielem, Għawdex*

** Il-limiti ta' dawn is-Santwarji tal-Għasafar huwa ppublikat fuq mapep fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.*

Lista ta'Xtajtiet Protetti

| **Malta** | **Għawdex** |
|---|---|
| Il-Bajja tal-Armier | Il-Bajja ta' Mġarr ix-Xini |
| Il-Prajjiet (Anchor Bay) | Ir-Ramla l-Ħamra |
| Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa | Il-Bajja ta' San Blas |
| Ir-Ramla taċ-Ċirkewwa (Paradise Bay) | Ix-Xatt l-Aħmar |
| Il-Bajja tal-Ġnejna | Il-Bajja tax-Xlendi |
| Ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay) | |

Waqt il-prattika tal-falkunerija għall-għanijiet ta' taħriġ, wiri ta' titjir jew għat-teħid ta' speċi kaċċabbli, il-falkunier huwa responsabbli li jieħu dawk il-miżuri meħtieġa skont l-aħjar prattiċi

applikabbli sabiex jaċċerta ruħu li l-ispeċi tal-falkunerija ma' taqbiżx il-limiti taż-żoni fejn il-falkunerija tista' tiġi ppratikata.

## F. METODI MHUX PERMESSI WAQT L-ATTIVITÀ TAL-FALKUNERIJA

Ebda persuna m'għandha, waqt l-attività tal-falkunerija:

a) ittajjar falkun mingħajr irbit u li ma jkunx liebes *transmitter* ta' apparat ta' *tracking* fil-ħin veru li jista' jkun segwit;

b) tippermetti falkun li jintilef u jtir 'il barra miż-żona fejn il-falkunerija tista' tiġi ppratikata;

c) tippermetti lill-falkun li jaħrab mill-kontroll tal-falkunier;

d) tippermetti lill-falkun li jsegwi, jieħu jew iweġġa kull speċi oħra minbarra l-ispeċi kaċċabbli;

e) tippermetti lill-falkun li jsegwi, jieħu jew iweġġa kull speċi barra mill-istaġun miftuħ għall-falkunerija, sakemm mhux kopert b'liċenzja speċjali li tista' tkun maħruġa biss għall-perjodu definit u flimkien ma' attività speċjali;

f) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja b'senter jew xi arma oħra, jew tieħu jew tipprova tieħu kwalunkwe għasfur bl-użu ta' kull mezz kif stipulat fir-Regolamenti dwar il- Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, jew ebda fenek kif stipulat fir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ;

g) ittajjar falkun jew tipprova ttajjar falkun jew teżerċita l-attività tal-falkunerija minn fuq il-baħar.

Fil-każ ta' qabda aċċidentali ta' speċi li m'hijiex speċi kaċċabbli jew ta' kull speċi barra mill-istaġun tal-falkunerija, il-persuna bil-liċenza għandha tippermetti lill-falkun jiekol minn dik il-qabda u għandha tinforma minnufih lit-Taqsima tar- Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. Il-persuna bil-liċenza m'għandhiex tieħu l-pussess tal-kampjun jew ta' kull parti li jkun jifdal minnu u l-kampjun għandu jitħalla fuq is-sit fejn tkun saret il qabda sakemm jingħataw aktar istruzzjonijiet minn uffiċjal tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

Kull min jaħrablu falkun u ma jkunx irnexxielu jiksbu lura, għandu jinforma lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall- Għasafar Selvaġġi immedjatament b'dak l-inċident.

Waqt il-prattika tal-attività tal-falkunerija, il-persuna bil-liċenza tista' tagħmel użu minn klieb jew nemes li jkunu mħarrġa għal dan l-iskop sabiex itajjru u/jew jirkupraw l-ispeċi kaċċabbli.

Kull persuna li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija) jew tonqos milli tikkonforma ruħha mal-kundizzjonijiet ta' xi ordni mogħtija leġittimament skont xi dispożizzjoni tar-regolamenti, hu suġġett għal penali hekk kif inhu stipulat fir- Regolamenti tal-2016 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija) (L.S.549.106).

## G. TRATTAMENT XIERAQ U PRATTIĊI TAJBIN FIŻ-ŻAMMA TAL-FALKUN/I

Meta ma tkunx qed tiġi ppratikata l-falkunerija, ebda persuna m'għandha, waqt l-attività tal-falkunerija:

a) iżżomm xi falkun f'għeluq li ma jipprovdix protezzjoni mill-elementi naturali u li ma tibżax għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi tal-ispeċi;

b) iġġorr falkun fi kwalunkwe vettura bil-mutur sakemm ma jkunx jew f'kaxxa tal-ġarr apposta għal dan il-għan jew ikun marbut mal-perċa u jkun imlibbes kappun tal-falkuni (dan ma japplikax fejn it-trasport tal-falkun ikun qiegħed isir bil-mixi).

Ebda persuna m'għandha toqtol jew tweġġa, jew tikkawża uġigħ, jew tipprova toqtol jew tweġġa jew tikkawża uġigħ, lill-falkuni kemm b'mod volontarju kemm direttament kif ukoll indirettament, jew b'negliġenza, jew minħabba nuqqas ta' kura.

Il-falkunier għandu jaċċerta li kull speċi kaċċabbli maqbuda mill-falkun tkun maqtula umanament u skont l-aqwa prattika applikabbli fil-qasam tal-falkunerija.

Huwa importanti:

- għal falkunier li jkun jaf kif jagħmel l-*falconers knot* sewwa mingħajr ma jikkawża skumdita lill-falkun.
- li il-*hood* tkun imqiegħda tajjeb fuq ras il-falkun u li ma tkunx qed tmiss mal-għajn tal-għasfur.
- li dieta adatta hija mogħtija lil-falkun u biżżejjed ikel biex ma jnaqqsux l-istamina tal-għasfur.
- li l-falkun ikollu kenn mix-xemx diretta, riħ, xita u silġ. Arja friska hija wkoll importanti.
- li biex jiġi evitat l-istress fuq it-tajra il-kompartament fejn jinżam il-falkun jkun fih sistema ta' *flap* biex jakkomodaw it-tneħħija tal-ilma u l-ikel.
- li kull ħajt solidu jkollu wiċċ lixx biex ma jikawżax feriti fuq il-falkun u kull *mesh wire* użat irid ikun mgħotti bi plastik adattat.

Wieħed għandu dejjem iżomm f'moħħu il-**Ħames Libertajiet** li għandhom japplikaw għal-għasafar kollha tal-falkunier:

1. Ħelsien mill-ġuħ u l-għatx: kull annimal għandu jkollu aċċess għall-ilma nadif u dieta tajba.
2. Il-libertà minn skumdità: billi jipprovdi ambjent xieraq inkluż kenn u żona ta' mistrieħ.
3. Ħelsien minn uġigħ, feriti jew mard: permezz ta' prevenzjoni, dijanjosi rapida u t-trattamenti xierqa.
4. Il-libertà li jesprimu mġiba normali: billi jipprovdu biżżejjed spazju, faċilitajiet xierqa u kumpanija ta' għasafar ta' l- istess tip.
5. Ħelsien minn biża' u tensjoni: jassiguraw kondizzjonijiet u trattament li jevitaw tbatija mentali.

## Ħ. IL- PROĊESS TAL-EŻAMIJIET U AKTAR TAGĦRIF

Dan hu il-proċess biex wieħed jingħata liċenzja għaż-żamma u t-titjir ta' speċi tal-falkunerija:

1. Persuna għandu jkollha mhux inqas minn sittax-il sena
2. Persuna tkun imliet il-formola ta'applikazzjoni
3. Persuna trid tkun membru ta' organizzazzjoni tal-falkunerija rikonoxxuta
4. L-applikant għandu jkun kopert b'polza ta'assigurazzjoni għal riskji ta' terzi persuni li tkopri l-attività tal-falkunerija
5. Jħallas il-miżati abbinata skont l-Iskeda I
6. L-applikant jagħmel l-eżami prattiku li ser issir mill-għaqdiet tal-falkunerija taħt is-superviżjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, l-għaqda għandha tikkonferma li l-applikant hu eligibli biex japplika għal-eżami bil-miktub li ser ikun organizzat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. L-applikant għandu jimla il-formola li trid tiġi approvata bit-timbru u l-firma tal-għaqda
7. Wara li jgħaddi mil-eżami, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi toħroġ il-liċenzja tal-falkunerija valida għal ħames snin.

Nissuġġerixxu li tkun familjari mal-lista tal-għasafar kaċċabbli u protetti billi tfittixhom minn sorsi rinomati, bħal kotba (*field guides*) jew siti tal-internet.

Aktar tagħrif jista' jiġi miksub mit-

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI,
122 Triq Misraħ il-Barrieri
SANTA VENERA

✆ (+356) 22926413
🌍 http://environment.gov.mt/en/Pages/WBRU/Wild-Birds-Regulation-Unit.aspx
✉ wildbirds@gov.mt

**ANNESS A**

Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati minn fuq l-art skont Skeda IIA tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42).

| | ISEM BIL-MALTI | ISEM BL-INGLIŻ | ISEM XJENTIFIKU | |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Venewwa | Lapwing | *Vanellus vanellus* |  |
| 2 | Pluviera | Golden Plover | *Pluvialis apricaria* |  |
| 3 | Pluviera Pastarda | Grey Plover | *Pluvialis squatarola* |  |
| 4 | Alwetta | Skylark | *Alauda arvensis* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 5 | Summiena | Quail | *Coturnix coturnix* |  |
| 6 | Gamiema | Turtle Dove | *Streptopelia turtur* |  |
| 7 | Tudun | Wood Pigeon | *Columba palumbus* |  |
| 8 | Malvizz Aħmar | Redwing | *Turdus iliacus* |  |
| 9 | Malvizz | Song Thrush | *Turdus philomelos* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10 | Malvizzun tal-Qtajja | Fieldfare | *Turdus pilaris* |  |
| 11 | Malvizzun Prim | Mistle Thrush | *Turdus viscivorus* |  |
| 12 | Malvizz Iswed | Blackbird | *Turdus merula* |  |
| 13 | Sturnell | Starling | *Sturnus vulgaris* |  |
| 14 | Bekkaċċ | Snipe | *Gallinago gallinago* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 15 | Ċinkonja | Jack Snipe | *Lymonocryptes minimus* |  |
| 16 | Gallina | Woodcock | *Scolopax rusticola* |  |
| 17 | Gallozz Iswed | Moorhen | *Gallinula chloropus* |  |
| 18 | Tiġieġa tal-Baħar | Coot | *Fulica atra* |  |
| 19 | Girwiel | Ruff | *Philomachus pugnax* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 20 | Gallozz tax-Xitwa | Water Rail | *Rallus aquaticus* |  |
| 21 | Perniċa Ħamra | Red Grouse | *Lagopus lagopus hibernicus / scoticus* |  |
| 22 | Perniċa Bajda tal-Blat | Rock Ptarmigan | *Lagopus mutus* |  |
| 23 | Perniċa tal-Blat | Rock Partridge | *Alectoris graeca* |  |
| 24 | Perniċa Saqajha Ħamra | Red-legged Partridge | *Alectoris rufa* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 25 | Perniċa Griża | Grey Partridge | *Perdix perdix* |  |
| 26 | Faġan Komuni | Common Pheasant | *Phasianus colchicus* |  |
| 27 | Tudun tal-Ġebel | Rock Dove | *Columba livia* |  |
| 28 | Wiżża tal-Ful | Bean Goose | *Anser fabalis* |  |
| 29 | Wiżża Griża | Greylag Goose | *Anser anser* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 30 | Silfjun | Pintail | *Anas acuta* |  |
| 31 | Kuluvert | Mallard | *Anas platyrhynchos* |  |
| 32 | Silfjun Ewropew | Wigeon | *Anas penelope* |  |
| 33 | Palettuna | Shoveler | *Anas clypeata* |   |
| 34 | Sarsella | Teal | *Anas crecca* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 35 | Sarsella Ħamra | Garganey | *Anas querquedula* |  |
| 36 | Brajmla | Pochard | *Aythya ferina* |  |
| 37 | Kuluvert Griż | Gadwall | *Anas strepera* |  |
| 38 | Brajmla tat-Toppu | Tufted Duck | *Aythya fuligula* |  |
| 39 | Wiżża tal-Kanada | Canada Goose | *Branta Canadensis* |  |